iii. Iżomm rendikont tal-vetturi li jidħlu jew joħorġu miż-żoni tad-Dwana, jeżamina oġġetti li jkunu qegħdin jinġarru minn persuni li jkunu ħerġin miż-żoni tad-Dwana, jiżgura li l-persuni jew il-vetturi li jkunu deħlin f'żoni tad-Dwana jkunu awtorizzati, jiżgura li l-vetturi li jkunu ħerġin miż żoni tad-Dwana li jkunu mgħobbija bil-merkanzija jkollhom id-dokumenti tad-Dwana meħtieġa għar-rilaxx tagħhom u jfittex fuq vetturi li jkunu ħergin miż-żoni tad-Dwana;

iv. Jiżgura li vetturi li jkunu deħlin f'żoni tad-Dwana mgħobbija b'merkanzija għall-esportazzjoni jkollhom id-dokumenti tad-Dwana meħtieġa għall-esportazzjoni;

v. Iwettaq kontrolli dwar il-flus kontanti misjuba fuq il-passiġġieri li jkunu deħlin jew ħergin minn Malta, taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal tad-Dwana;

vi. Jaqdi dmirijiet relatati ma sigurtà f'ċerti żoni skont il-ħtieġa kif ukoll iwettaq rondi ġewwa jew barra ż-żoni tad-Dwana;

vii. Iħaddem apparat elettoniku ta' sorveljanza, jieħu ħsieb il-klieb tad-Dwana u jsuq il-vetturi tad-Dipartiment;

viii. Jaqdi dmirijiet speċjali meta jkun assenjat ma' taqsimiet partikolari (bħall-Enforcement Unit) fi ħdan fl-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta;

ix. Ifittex fuq bastimenti, jottijiet u inġenji tal-ajru u jivverifika li l-ispares tal-bastimenti u/jew merkanzija oħra taħt sospensjoni tad-dazju jkunu qed jiġu ttrasportati abbord bastimenti u jottijiet;

x. Jaħdem fuq baži ta' xift, li jinkludi l-Ħdud u l-festi pubbliċi kif meħtieġ;

xi. Dmirijiet oħra taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal tad-Dwana, bħat-twettiq ta' spezzjonijiet fil-bini u l-imħażen tan-negozjanti, l-ammissjoni ta' bastimenti, jottijiet u inġenji tal-ajru għal formalitajiet tal-pratka, ir-rilaxx ta' bastimenti, jottijiet u inġenji tal-ajru 'l barra, l-eżami u r-rilaxx ta' bagalji tal-passiġġieri, u l-ħruġ ta' talbiet għal ħlas fir-rigward ta' servizzi mwettqa fuq talba tan-negozjanti kif meħtieġ;

xii. Jattendi għal-laqgħat tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll seminars u korsijiet oħrajn kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jkun jiddelega lilu/ha, kif jista' meħtieġ;

i. Performs clerical duties related to Customs' offices;

ii. Gate keeping duties, which may include the sealing of containers, at various Customs areas and escorting goods as requested;

iii. Keeping record of all vehicles entering or leaving Customs areas, examining goods hand carried by persons leaving through gates, ensuring that only authorised persons and vehicles enter Customs areas, ensuring that vehicles leaving Customs areas loaded with cargo are in possession of Customs release documents and searching vehicles leaving Customs areas;

iv. Ensuring that vehicles entering Customs areas loaded with export cargo have the relative Customs export documents;

v. Carrying out currency checks on outgoing and incoming passengers; under the supervision of a Customs officer;

vi. Performing security duties at certain areas and carrying patrols in and outside Customs areas;

vii. Operating electronic surveillance equipment, handling of Customs dogs and driving official vehicles;

viii. Performing special duties when attached to particular sections (such as the Enforcement Unit) within the Malta Tax and Customs Administration;

ix. Rummaging vessels, yachts and aircrafts and verifying that ship spares and/or other goods under duty suspension are being shipped on board vessels and yachts;

x. Working on a shift basis including Sundays and public holidays as may be required;

xi. Other duties under the supervision of a Customs Officer, such as carrying out inspections at traders' premises and warehouses, admitting vessels, yachts and aircrafts to pratique formalities, clearing outwards vessels, yachts and aircrafts, examining and releasing passenger luggages, and issuing claims for payment in respect of services performed at merchants' request as required;

xii. Attend to European Commission meetings, seminars, workshops and working visits, as well as at other national and international bodies as required, both locally and abroad;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

U

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

iii. fil-pussess ta':

(a) pass (tal-anqas fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'ħames (5) suġġetti differenti fil-Livell 3 tal-MQF li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika;

JEW

(b) pass fi kwalifika tal-Livell 3 VET;

JEW

(c) Ċertifikat ta' Skola Sekondarja u Profiling Qualification fil-Livell 3 tal-MQF fi ħames (5) suġġetti li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (a) jew (b) jew (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

AND

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. in possession of:

(a) a pass (at least at Grade 1-5, Grade C or a comparable level) in five (5) different subjects at MQF Level 3, which must include Maltese, English and Mathematics;

OR

(b) a pass in level 3 VET qualification;

OR

(c) a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 3 in five (5) subjects, which must include Maltese, English, and Mathematics.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to a previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 iii (a) or (b) or (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment year. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than

dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ partijiet:

that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 The selection of candidates will be in two stages:

L-ewwel parti: Test tal-abbiltà ġenerali, permezz tal-kompjuter, kompletament awtomizzat, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħilijiet verbali, numeriċi u astratti, fuq bażi ta' rispons tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu rata ta' 40% biex jgħaddu. It-test tal-abbiltà ġenerali jkun immexxi mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Ir-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jibqa' jgħodd għal tliet (3) snin.

Għandu jiġi nnutat li l-applikanti li għandhom riżultat validu, tat-test tal-abbiltà ġenerali bbażat fuq il-kompjuter kompletament awtomizzat maħruġ mhux iktar kmieni minn tliet snin qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jagħżlu li:

(a) Ma joqogħdux għat-test, u għaldaqstant iżommu l-marka li ġabu qabel, diment li tissodisfa l-passmark imsemmija fuq;

JEW

(b) Joqogħdu għat-test darb'oħra, f'liema każ l-aħjar marka mit-tnejn għandha tiġi kkunsidrata.

It-tieni parti: Intervista (massimu ta' 100 marka, pass mark ta' 50 marka), u li għalih dawk il-kandidati li kisbu passmark fit-test tal-abbiltà ġenerali biss jitħallew ikomplu għall-intervista strutturata. L-intervista ssir minn bord tal-għażla stabbilit mill-Ministeru għall-Finanzi.

Il-passmark ġenerali hi 60% tal-marki massimi allokati, jiġifieri 60% ta' 200 marka, li jinkludu l-marki mogħtija fit-test tal-abbiltà ġenerali u l-intervista.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.3 L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fit-test tal-abbiltà ġenerali u fl-intervista. Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skont il-proċeduri stabbiliti.

6.4 Ir-riżultat finali jibqa' jgħodd għal sentejn (2) sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.5 It-test tal-abbiltà ġenerali jitmexxa mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt it-test tal-abbiltà ġenerali jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar it-test tal-abbiltà ġenerali jekk tinsab xi irregolarità

Part 1: A general ability test, which will consist of a fully automated computer-based test whereby applicants will be tested in verbal, numerical and abstract ability on the basis of their response to an established set of questions. Candidates must obtain a 40% rating to pass the test. The general ability test will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. The result of the general ability test will remain valid for three (3) years.

It is to be noted that applicants who have a valid result from a previously held computer-based general ability test issued not earlier than three years prior to the closing date of this call for applications may opt:

(a) Not to sit for the said test and therefore to retain the mark obtained at the time, subject to the minimum pass mark as mentioned above;

OR

(b) Sit for the test again, in which case the best mark out of the two should be taken into consideration.

Part 2: An interview (maximum 100 marks, pass mark 50), for which only candidates who obtain a pass mark in the general ability test will be allowed to proceed to the structured interview. The interview will be conducted by a selection board established by the Ministry for Finance.

The overall pass mark is 60% of the maximum marks allotted; that is, 60% of 200 marks, comprising the marks given in the general ability test and interview.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

6.3 The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in the general ability test and in the interview. In the case of candidates who obtain the same number of marks, precedence will be determined in accordance with the established procedures.

6.4 The final result will remain valid for two (2) years from the date of publication.

6.5 The general ability test will be conducted by the Registrar of Examinations, and the Board of Local Public Examinations. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the general ability test is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

6.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the general ability test if any irregularity is

dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, wkoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tat-test f'abbiltà ġenerali.

6.7 Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali, li jiġi esibit fuq in-noticeboard ta' Servizz.gov Edu (One-Stop-Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żagħżagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex.

6.8 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jidher fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li hija (https://myexams.gov.mt) u jintbagħat ukoll SMS lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru tal-telefown ċellulari u l-indirizz elettroniku validu mal-applikazzjoni tagħhom.

Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jibgħat ukoll ir-riżultat individwali u l-ordni ta' klassifikazzjoni tat-test tal-abbiltà ġenerali permezz ta' ittra elettronika lill-kandidati kollha li joqogħdu għall-eżami.

6.9 Wara li r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali miktub jiġi ppubblikat, dawk il-kandidati li jkunu għaddew jiġu mitluba biex jattendu għal intervista minn bord tal-għażla.

6.10 Ir-riżultat finali jiġi ppubblikat minn, u esibit fuq in-noticeboard tal-Ministeru għall-Finanzi u tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.11 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali (i) jidher fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Finanzi li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet u (ii) jintbagħat permezz ta' SMS lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru tal-telefown ċellulari u l-indirizz elettroniku validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.12 Minħabba li t-test tal-abbiltà ġenerali huwa kompletament awtomatizzat, petizzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward l-intervista biss. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-marki miksuba fit-test tal-abbiltà ġenerali. F'każ ta' petizzjoni, għandha tasal għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sa għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta tidher in-notifika tal-pubblikazzjoni tar-riżultat fuq is-sit tal-Ministeru għall-Finanzi.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru

detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole general ability test even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the general ability test.

6.7 The Registrar of Examinations will publish the result of the general ability test, which will be exhibited on the notice board of Servizz.gov Edu (One-Stop-Shop) at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo.

6.8 A notification of the publication of the result of the general ability test will appear on the website of the Department of Examinations where it may be accessed on (https://myexams.gov.mt) and will also be sent via SMS alert to candidates who underwent assessment and who submitted a valid mobile phone number and an email address with their application.

The Registrar of Examinations will also send by email the individual result and ranking order of the general ability test to each candidate sitting for the test.

6.9 After the publication of the result of the general ability test, the successful candidates will be asked to attend an interview, which will be conducted by a selection board.

6.10 The final order of merit will be published by, and exhibited on the notice board of the Ministry for Finance and Malta Tax and Customs Administration which is issuing the call for applications.

6.11 A notification of the issue of the final result will (i) appear on the website of the Ministry for Finance which is issuing the call for applications and (ii) be sent via SMS alert to candidates who underwent assessment and who submitted a valid mobile phone number and an email address with their application.

6.12 Since the general ability test is fully automated, petitions to the Public Service Commission may be made only with regard to the interview. The Public Service Commission will not enter into the merits of the marks achieved in the general ability test. Petitions have to reach the Commission within ten (10) working days from the date on which a notification of the publication of the result appears on the website of the Ministry for Finance.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Corporate Services Directorate, Ministry for Finance,

għall-Finanzi, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg) u miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondabbli). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

L-applikanti għandhom jiżguraw li wara is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja talirċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw saddata u l-ħin tal-għeluq, biss jekk ikollhom din l-irċevuta.

7.2 L-applikanti li għandhom bżonn għajnuna biex jissottomettu applikazzjoni online, għandhom ifittxu din l-għajnuna mill-HR Unit tad-dipartiment attwali tagħhom, jew mill-HR Unit tal-Ministeru fejn qed japplikaw. Dawn l-applikanti għandhom jiżguraw li l-persuna li tapplika għan-nom tagħhom, fil-fatt, qed tapplika għall-post battal meħtieġ u tehmeż id-dokumentazzjoni korretta.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.5 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by the applicant and the employment history) and an examination fee of €9.30 (non-refundable). The closing date for the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) on Friday, 7th November, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Applicants are to ensure that after the submission of their application, a copy of the receipt of payment received through an email, is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time, only if they are in possession of this receipt.

7.2 Applicants who need assistance in submitting an online application, are to seek such assistance from the HR Unit of their current Department, or the HR Unit of the Ministry where they are applying. Such applicants are to ensure that the person applying on their behalf is, in fact, applying for the vacancy required and attaching the correct documentation

7.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.4 Applications which are received after the closing date and time (i.e., late applications) are not allowed.

7.5 Applicants are granted up to two (2) working days after the closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati; amma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu minn (recruitment.mfin@gov.mt). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-direttorat li qed jimla l-vakanza/i huma (https://finanzi.gov.mt) u (recruitment.mfin@gov.mt).

L-24 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Post ta' Fizzjal tad-Dwana fil-Ministeru għall-Finanzi

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Finanzi jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Fizzjal tad-Dwana fl-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Fizzjal tad-Dwana huwa ta' Skala ta' Salarju 13, li fis-sena 2025 huwa ta' €21,042 fis-sena, li jiżdied bi €335.50 fis-sena sa massimu ta' €23,055.

2.3 Persuna fil-grad ta' Fizzjal tad-Dwana titla' fi Skala ta' Salarju 12 (€22,526 x €354 - €24,650) wara l-kisba ta' kwalifika fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma relatati kif determinat mill-Management minn żmien għal żmien u mill-inqas sena (1) servizz sodisfaċenti bħala Fizzjal tad-Dwana fi Skala ta' Salarju 13. Madankollu, Fizzjal tad-Dwana li ma jkollux kwalifika fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma relatati kif determinat mill-maniġment minn żmien għal żmien jibqa' fi Skala ta' Salarju 13.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

access to application forms and related details; retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from (recruitment.mfin@gov.mt). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving directorate where the vacancy/ies are https://finance.gov.mt and recruitment.mfin@gov.mt.

24th October, 2025

MINISTRY FOR FINANCE

Post of Customs Officer in the Ministry for Finance

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Finance invites applications for the post of Customs Officer in the Malta Tax and Customs Administration in the Ministry for Finance.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Customs Officer is Salary Scale 13, which in the year 2025, €21,042 per annum, rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €23,055.

2.3 A Customs Officer will progress to Salary Scale 12 (€22,526 x €354 - €24,650) after the attainment of an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in related areas as determined by management from time to time and at least one (1) year of satisfactory service as Customs Officer in Salary Scale 13. However, a Customs Officer who is not in possession of an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in related areas as determined by management from time to time, shall remain in Salary Scale 13.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

2.4 Persuna fil-grad ta' Fizzjal tad-Dwana fi Skala ta' Salarju 12 titla' fi Skala 10 (€25,570.98 x €407.67 - €28,017) wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Fizzjal tad-Dwana fi Skala ta' Salarju 12.

2.5 Il-kandidati maħtura jkunu wkoll intitolati għal Class Allowance annwali ta' €520, Flexibility Allowance annwali ta' €5,426 u għal benefiċċji oħra u suġġetti għall-kundizzjonijiet li huma stipulati fil-Customs Class Sectoral Agreement.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Dan il-post ġie identifikat bħala 'post hekk identifikat' għall-finijiet ta' subartikolu 5 tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta) u skont id-Direttiva 14.1 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fit-3 ta' Awwissu 2023, li jinvolvi funzjonijiet ta' spettorat. Il-kundizzjonijiet rilevanti elenkati fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u f'Direttiva 14.1 japplikaw.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Il-kandidat/i magħżul/a jkun/u meħtieġ/a jimla/jimlew id-Dikjarazzjoni disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), peress li din il-kariga titqies bħala kariga ta' riskju għoli kif elenkat fis-Sitt Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u tinvolvi funzjonijiet ispettorati kif elenkati fl-Anness tad-Direttiva 14.1.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Fizzjal tad-Dwana huma:

2.4 A Customs Officer in Salary Scale 12 will progress to Salary Scale 10 (€25,570.98 x €407.67 - €28,017) after five (5) years satisfactory service in the grade of Customs Officer in Salary Scale 12.

2.5 Selected candidates will also be entitled to an annual Class Allowance of €520, an annual Flexibility Allowance of € 5,426 and such other benefits and conditions as stipulated in the Customs Class Sectoral Agreement.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 This post has been designated as a 'post so designated' for the purposes of sub-article 5 of Article 4 of the Public Administration Act (Cap. 595 of the Laws of Malta) and in terms of Directive 14.1 issued by the Principal Permanent Secretary on 3rd August 2023, since it involves inspectorate functions. The relevant conditions laid out in the Public Administration Act and Directive 14.1 apply.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration,' issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

The selected candidate/s will be required to fill in the Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), since this post is considered to be a high risk post as listed in the Sixth Schedule to the Public Administration Act and involves inspectorate functions as listed in the Annex to Directive 14.1.

Duties

3. The job duties for the post of Customs Officer include:

i. Jagħmel xogħol klerikali kif mitlub minn Fizzjal tad-Dwana u jissottometti rapporti lis-superjuri tiegħu;

ii. Jassisti fl-eżami u r-rilaxx, jagħmel spot-checks ta' merkanzija prinċipalment magħmula fuq bażi ta' ġestjoni tar-riskju u jħares id-dħul tat-taxxi lokali u tal-UE;

iii. Jagħmel xogħol fil-qasam legali u jassisti lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-qorti fil-kawżi ċivili u kummerċjali, kif ukoll jassisti lill-Pulizija waqt prosekuzzjoni f'każijiet kriminali, li jinvolvu lill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta;

iv. Jinforma lis-superjuri dwar xi problemi potenzjali u diffikultajiet malli jsir jaf bihom;

v. Jippermetti il-pratka, jirrilaxxa l-ħruġ mill-port u jfittex fuq bastimenti, jottijiet u ajruplani;

vi. Jirrilaxxa 'l-passiġġieri, jeżamina u jirrilaxxa 'l-bagalji u jwettaq kontrolli dwar flus fuq passiġġieri li jkunu deħlin jew ħerġin minn Malta;

vii. Jiġbor informazzjoni u jagħmel sorveljanza relatata ma' nuqqas ta' osservanza mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u tal-UE;

viii. Jassisti fil-fażi ta' implimentazzjoni tal-proġetti tal-Informatika, jipprovdi appoġġ lil kull min juża s-servizzi tal-informatika u jikkordina l-awtomatizzazzjoni tal-uffiċċju fi ħdan id-Dipartiment;

ix. Iwettaq patrols ġewwa jew barra żoni tad-Dwana, ifittex vetturi li jkunu ħerġin miż-żoni tad-Dwana kif ukoll jfittex fuq il-persuni fil-portijiet u f'żoni tad-Dwana, kif neċessarju u skont ir-regolamenti tad-Dwana;

x. Jaħdem fuq bażi ta' xift, li jinkludi l-Ħdud u l-festi pubbliċi kif ikun meħtieġ;

xi. Iħaddem apparat elettroniku ta' sorveljanza, jieħu ħsieb il-klieb tad-Dwana u jsuq karozzi tad-Dipartiment fuq xogħol relatat direttament mad-doveri tiegħu;

xii. Jagħmel xogħol ieħor kemm-il darba jkun assenjat jaħdem ma' sezzjonijiet partikolari (bħal pereżempju l-Enforcement Unit) fl-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta u jinforza r-regoli u r-regolamenti tad-Dwana lokali u tal-UE, bl-użu tas-setgħat eżekuttivi;

xiii. Jattendi għal-laqgħat tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll seminars u korsijiet oħrajn, kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jkun jiddelega lilu/ha, kif jista' meħtieġ;

i. Performs clerical duties related to Customs Officer and submits reports to superior officers;

ii. Assists in the examination and release of, and spot-checks on, targeted cargo mainly based on risk management and protecting EU and national revenue;

iii. Performs legal duties and assists the Office of the Attorney General in civil and commercial court cases as well as assisting the Police during prosecution in criminal cases involving the Malta Tax and Customs Administration;

iv. Informs superiors regarding any potential problems or difficulties as soon as these become apparent;

v. Permits pratique, clearing the port outwards and rummaging vessels, yachts and aircraft;

vi. Clears passengers, examining and releasing luggage and carrying out currency checks on outgoing and incoming passengers;

vii. Carries out surveillance and intelligence work related to non-observance of EU and National Customs and Excise Legislation and Regulations;

viii. Assists in the implementation phase of IT projects, provides support to anyone utilising IT support and coordinating the office automation within the Department;

ix. Carries patrols in and outside Customs areas, searching vehicles leaving Customs areas and effecting body searches when necessary in Customs ports/areas in terms of Customs regulations;

x. Works on a shift basis including Sundays and public holidays as may be required;

xi. Operates electronic surveillance equipment, handles Customs dogs and drives the Department's motor vehicles with relation to his/her direct duties;

xii. Performs special duties when attached to particular sections (such as the Enforcement Unit) within the Malta Tax and Customs Administration and using executive powers to enforce Customs/EU rules and regulations;

xiii. Attends to European Commission meetings, seminars, workshops and working visits, as well as at other national and international bodies as required, both locally or abroad;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

U

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

iii. (a) ikollhom fil-pussess kwalifika f'Livell 4 tal-MQF fl-Livell Avvanzat jew Diploma (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) f'oqsma relatati kif stipulati hawn taħt:

MQF Level 4:

a. Accounts;
b. Business Studies;
c. Kommunikazzjoni;
d. Kompjuter, Information Technology and ICT;
e. Ekonomija;
f. Environmental Studies;
g. UE u Relazzjonijiet Internazzjonali;
h. Finanzi;
i. Ġeo-Xjenza;
j. Storja;
k. Riżorsi Umani;
l. Relazzjonijiet Industrijali u x-Xogħol;
m. Lingwi;
n. Liġi;
o. Management;
p. Marketing;
q. Matematika;
r. Procurement;
s. Project Management;
t. Amministrazzjoni Pubblika;
u. Public Policy;
v. Suġġetti ta' Xjenza;
w. Social Policy;
x. Systems of Knowledge;
y. Technical Design;
z. Transportation and Logistics Management.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

AND

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. (a) in possession of an MQF Level 4 qualification at Advanced Level or Diploma (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in related areas as stipulated below;

MQF Level 4:

a. Accounts;
b. Business Studies;
c. Communications;
d. Computer Studies, Information Technology and ICT;
e. Economics;
f. Environmental Studies;
g. EU and International Relations;
h. Finance;
i. Geography;
j. History;
k. Human Resources;
l. Industrial Relations and Work;
m. Languages;
n. Legal proceedings;
o. Management;
p. Marketing;
q. Mathematics;
r. Procurement;
s. Project Management;
t. Public Administration;
u. Public Policy;
v. Science subjects;
w. Social Policy;
x. Systems of Knowledge;
y. Technical Design;
z. Transportation and Logistics Management.

*A recognised qualification comparable to 120 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with

MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

JEW

(b) Assistenti Anzjani tad-Dwana li għandhom mill-inqas ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad;

JEW

(c) Assistenti Anzjani tad-Dwana li fid-data tal-iffirmar tal-Customs Class Sectoral Agreement (7 ta' Ottubru 2020) kienu qed iservu u li huma kkonfermati bħala Assistenti Anzjani tad-Dwana;

JEW

(d) Assistenti tad-Dwana li fid-data tal-iffirmar tal-Customs Class Sectoral Agreement (7 ta' Ottubru 2020) kienu qed jservu u ġew ikkonfermati bħala Assistenti tad-Dwana u b'erba' (4) snin servizz sodisfaċenti fi ħdan il-Customs Class.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom

the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

OR

(b) Senior Customs Assistant who have at least five (5) years satisfactory service in the grade;

OR

(c) Serving Senior Customs Assistants as on the date of the signing of the Customs Class Sectoral Agreement (7th October 2020) who have been confirmed as Senior Customs Assistants;

OR

(d) Serving Customs Assistants as of the date of the signing of the Customs Class Sectoral Agreement (7th October 2020) who have four (4) years of satisfactory service within the Customs Class.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to a previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 iii (a) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or

mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 559/2022 ippreżentat fis-16 ta' Mejju, 2024, l-appellanti Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet premessi inkwantu Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analiżi tagħha tal-impatt finanzjarju li l-ordni tal-iffrizar kellha fuq l-appellat Matthew Farrugia u kienet żbaljata fil-konsegwenzjali determinazzjoni li l-ordni ta' iffrizar illediet id-dritt fundamentali tiegħu għall-protezzjoni tal-proprjetà kif protett bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-imputat, odjern appellat, ma jistax jippretendi li mal-ħrug ta' ordni ta' ffriżar il-kwalità tal-ħajja tiegħu mhix sejra tinbidel. Anzi t-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja ta' imputat u l-familjari tiegħu hija kwazi kwazi garantita u hija leġittima sal-punt li l-imputat u l-familjari tiegħu jitħallew għajxien diċenti.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet 1-14 sal-21 eċċezzjoni tal-esponenti u sa fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrent u tilqa' minflok dawk l-eċċezzjonijiet tal-esponenti u tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti.

Notifika: Matthew Farrugia, 310, Mar Frank, Triq Luqa Briffa, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 28 ta' April, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Constitutional Court on the 15th April, 2025, in the records of Constitutional Application Number 559/2022 in the names Matthew Farrugia (ID 339177M) vs the State Advocate and the Attorney General, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Matthew Farrugia in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Constitutional Appeal Application number 559/2022 filed on the 16th May, 2024, the appellants State Advocate and the Attorney General felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court given on the 3rd May, 2024, in the names premised as the Honourable First Court was wrong in its analysis of the financial impact that the freezing order had on the respondent Matthew Farrugia and it was mistaken regarding the consequential determination that the freezing order had violated his fundamental right to the protection of property as protected by Article 1 of Protocol 1 to the European Convention on Human Rights. The accused, present respondent, cannot expect that upon the issuance of a freezing order his quality of life will not change. Rather, the reduction in the quality of life of an accused and his family is almost guaranteed and is legitimate to the extent that the accused and his family are allowed a decent living.

Therefore, the exponent appellants request this Honourable Court to cancel and revoke the appealed judgment wherein the Honourable First Court dismissed the pleas numbered 14 to 21 raised by the respondent and in so far as it upheld the first and second claims by the applicant and it upholds instead the exponents' pleas and dismisses the first and second claims submitted by the applicant.

Notification: Matthew Farrugia, 310, Mar Frank, Triq Luqa Briffa, Gżira

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 28th April, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2662

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-9 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 28/2025 fl-ismijiet Carmen Mallia (ID 221756M) vs Yoshio Watanabe (ID 8712A) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Yoshio Watanabe, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat fl-14 ta' Awwissu, 1982, ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċeżi ta' Malta fit-28 ta' Marzu, 2025, (Prot. numru 24.011) u ma sar ebda appell minnha. Illi fid-9 ta' Mejju, 2025, it-Tribunal Metropolitan iddikjara, ikkonferma u ċċertifika l-eżekuttività tal-imsemmija sentenza.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joġħobha tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra d-deċiżjoni tan-nullità taż-żwieġ tal-partijiet imsemmija skont l-Artikoli 23, 24, 25 u 26(4)(a),(b) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Notifika: Yoshio Watanabe, 1, Trejqet Zahar, Santa Luċija

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum, 16 ta' Ottubru, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior jurisdiction) on the 9th October, 2025, in the records of Application number 28/2025 in the names Carmen Mallia (ID 221756M) vs Yoshio Watanabe (ID 8712A) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Yoshio Watanabe, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 14th August, 1982, was declared null by a judgment given by the Metropolitan Tribunal of the Archdiocese of Malta dated 28th March, 2025 (Prot. number 24.011) and no appeal was made therefrom. Whereas on the 9th May, 2025, the Metropolitan Tribunal declared, confirmed and certified the executability of the said judgment.

Therefore, the applicant respectfully requests this Honourable Court to order the Director Public Registry to register the decision of nullity of marriage of the parties mentioned according to Articles 23, 24, 25 and 26 (4) (a),(b) of the Marriage Act, Cap. 255 of the Laws of Malta for all intents and purposes of law.

Notification: Yoshio Watanabe, 1, Trejqet Zahar, Santa Luċija

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 16th October, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2663

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede, fil-25 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 61/2015 fl-ismijiet Tony Azzopardi (ID 96401L) vs Angele Azzopardi (KI 301666M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Angele Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 61/2015 ippreżentat fl-10 ta' Novembru, 2024, l-appellant Tony Azzopardi ħassu aggravat bis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2024, fejn l-Ewwel Qorti attribwiet il-ħtija tat-tkissir taż-żwieġ unikament lill-appellant u għaddiet biex tillikkwida l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet. L-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti kif ukoll tal-liġi kemm fil-likwidazzjoni kif ukoll fl-assenjazzjoni tal-beni. L-ewwel qorti żbaljat ukoll meta attribwixxiet ir-responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ abbażi tal-abbandun meta ma kienet teżisti l-ebda talba f'dan is-sens.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 25th September, 2025, in the records of Application number 61/2015 in the names Tony Azzopardi (ID 96401L) vs Angele Azzopardi (ID 301666M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Angele Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 61/2015 filed on the 10th November, 2024, the appellant Tony Azzopardi is aggrieved by the judgment of the 29th October, 2024, wherein the Court of First Instance attributed the fault of the breakdown of marriage solely to him and passed on to liquidate the assets forming part of the Community of Acquests existing between the parties accordingly. The first court misunderstood the facts as well as the law both in the liquidation and in the assignment of the property. The first court also erred in attributing responsibility for the breakdown of the marriage on the basis of abandonment when no claim to that effect existed.

Għaldaqstant, l-appellant umilment jitlob lil din l-onorabbli qorti:

1. Tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti (Sezzjoni tal- Familja) fid- 29 ta' Ottubru, 2024, limitatament għal dik il parti li tikkonċerna r-raba' (4) paragrafu tad-decide relattiva għat-talbiet tal-appellanti kif ukoll is-sitt (6) paragrafu tad-decide relattiva għat-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonata dwar il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sens illi l-konteġġi kollha magħmula mill-Qorti f'dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jiġu rivisitati u emendati fil-kuntest tal-valur reali tal-fond konsistenti f'villa, 'Ward u Zahar', 25, Triq il-Qawsalla, Is-Swieqi, u dan, billi l-istess proprjetà tiġi stmata minn tliet aġenti immobbiljari ta' reputazzjoni serja, fil-preżenza taż żewġ partijiet, u tittieħed il-medja tagħhom, jew alternattivament, il-fond jitqiegħed fuq is-suq bid-dritt ta' preferenza a favur l-appellata għall-finijiet ta' valutazzjoni; bil-għan illi l-ekwiparazzjoni a favur l-appellant tkun waħda ekwa u ġusta; u

2. Sussegwentement tiddikjara u tikkonferma illi l-garaxx numru sebgħa (7), St Valentine Mansions, Triq Birbal, Ħal Balzan, qiegħed jigi assenjat lill-appellant; u

3. Tirriforma dik il-parti tad-decide limitatament għall-ewwel (1) paragrafu li tikkonċerna l-ewwel (1) talba tal-attur appellant, u kif ukoll ewwel (1) paragrafu tad-decide li tikkonċerna l-ewwel (1) kontrotalba tal-konvenuta appellata, b'dan illi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba illi ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli u/jew minħabba tortijiet imputabbli liż-żewġ kontendenti;

4. Tħassar u tikkanċella l-paragrafu sebgħa (7) tad-decide stante illi ma tikkorrispondix mas-seba' (7) talba magħmula mill-konventa appellata fil-kontrotalba tagħha, u minflok tilqa' l-istess seba' (7) kontrotalba tal-intimata Angele Azzopardi u tawtorizzaha tirreġistra ossija tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Qorti, kif oriġinarjament mitlub;

5. Tħassar u tikkanċella l-paragrafi numru tmienja (8) u numru disgħa (9) tad-decide tas-sentenza appellata stante li jagħmlu referenza għal talbiet illi ma jeżistux fil-kontrotalba tal-appellata Angele Azzopardi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

Notifika: Angele Azzopardi, 25, Ward u Zahar, Triq il-Qawsalla, Tal-Ibraġ, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 20 ta' Ottubru, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the appellant humbly requests this Honourable Court:

1. To reform the appealed judgment delivered by the Civil Court (Family Section) on the 29th October, 2024, limitedly to that part which concerns the fourth (4) paragraph of the decision relative to the appellant's demands as well as the sixth (6) paragraph of the decision relative to the demands of the appellant regarding the liquidation and assignment of the Community of acquests in the sense that all the calculations made by the Court as regards the assignment and liquidation of the Community of acquests are reviewed and amended in the context of the real value of the premises consisting in a villa, 'Ward and Zahar', 25, Triq il-Qawsalla, Swieqi, and for this same property to be valued by three real estate agents of good repute, in the presence of both parties, and taking their average, or alternatively, placing the premises on the market with the right of preference in favour of the respondent for valuation purposes; for the purpose that the equalisation in favour of the appellant shall be equitable and just; and

2. Subsequently declare and confirm that the garage number seven (7), St Valentine Mansions, Triq Birbal, Ħal Balzan, is being assigned to the appellant; and

3. Reform that part of the decision limitedly to the first (1) paragraph concerning the first (1) demand of the plaintiff appellant, as well as the first (1) paragraph of the decision concerning the first (1) counter-claim of the defendant respondent, in such a way as to pronounce the personal separation between the parties because the marriage irretrievably broke down and/or because of faults imputable to both litigants;

4. Cancel and annul paragraph seven (7) of the decision since it does not correspond to the seventh (7) demand made by the respondent in her counter-claim, and instead uphold the same seventh (7) counter-claim of the respondent Angele Azzopardi and authorise her to register or rather enter in the Public Registry the judgment eventually given by this Court, as originally demanded;

5. Cancel and annul paragraphs number eight (8) and number nine (9) of the decision of the appealed judgment since they refer to claims which do not exist in the counter-claim of the respondent Angele Azzopardi.

With costs of both instances against the respondent.

Notification: Angele Azzopardi, 25, Ward and Zahar, Triq il-Qawsalla, tal-Ibraġ, Swieqi

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 20th October, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2664

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1140/2024DC, fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs NextLove Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex iservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs NextLove Limited (C60580) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

2. Tordna li kopja tar-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1140/2024DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: NextLove Limited (C60580), The Hub Workspace Suite, E105, Triq Sant'Andrija, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th January, 2025, in the records of the Sworn application number 1140/2024DC, in the names: The Commissioner of Revenue and Customs vs NextLove Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: The Commissioner of Revenue and Customs vs NextLove Limited (C60580) filed in the Civil Court, First Hall, on the 25th October, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the registration of the document annexed to the application as an official copy thereof so that the same document constitutes an executive title;

2. Order that a copy of the application and of the document attached thereto be notified to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn application number 1140/2024DC in the names mentioned above is postponed to 30th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Nextlove Limited (C60580), the Hub Workspace Suite, E105, Triq Sant'Andrija, San Ġwann

Registry of the Superior Courts, today 22nd October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2665

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 493/2025DC, fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Richard Ellul, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Bank of Valletta plc (C2833) vs Richard Ellul (50881M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Lulju, 2007, fl-ismijiet 'Bank of Valletta plc vs Richard Ellul' Ċitazzjoni numru 953/2005GC, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th May, 2025, in the records of the Sworn application number 493/2025DC, in the names: Bank of Valletta plc vs Richard Ellul, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Bank of Valletta plc (C2833) vs Richard Ellul (50881M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 19th May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Authorise it to execute the judgement given by this Honourable Court on the 6th July, 2007, in the names 'Bank of Valletta plc vs Richard Ellul' Writ of Summons number 953/2005GC, with costs of this instance against the respondent.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 493/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-11 ta' Novembru, 2025, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Richard Ellul (50881M), 17, Triq Santa Liena, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 493/2025DC in the names mentioned above is postponed to 11th November, 2025, at 10.00 a.m.

Notification respondent: Richard Ellul (50881M), 17, Triq Santa Liena, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 22nd October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2666

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-2 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 209/2025MS, fl-ismijiet: Doris Caruana pro et noe et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Doris Caruana (79744M) pro et noe et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li minħabba l-fatti u ċirkostanzi su esposti, u dawk li se jirriżultaw fil-mori ta' dan ir-rikors, kif ukoll minħabba l-operazzjoni tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att X tal-2009 u l-Att XXIV tal-2021, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta); u b'hekk ir-rikorrenti għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa;

2. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u għad-danni, inklużi danni mhux pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tat-tħaddim tal-liġijiet surreferiti, u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferiti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-liġi u bil-ħatra ta' periti nominandi skont il-bżonn;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data effettiva tal-pagament.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 2nd October, 2025, in the records of the Sworn application number 209/2025MS, in the names: Doris Caruana pro et noe et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Doris Caruana (79744M) pro et noe et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 2nd June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that due to the facts and circumstances above mentioned, and those which shall result during the course of this application, as well as due to the operation of the Head. 69 of the Laws of Malta, Act X of 2009 and Act XXIV of 2021, the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia by Article 37 of the Constitution, and by the First Article of the First Protocol of the European Convention (First Schedule of Cap. 319 of the Laws of Malta); and thus the applicants are to be given all the remedies that this Honourable Court deems fit;

2. Consequently, declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for the compensation and damages, including non-pecuniary damages, suffered by the applicant as a consequence of the operation of the laws above mentioned, and this in terms of Article 41 of the European Convention on Human Rights;

3. Liquidate the same compensation and damages as suffered by the applicants, also in terms of law and by the appointment of referees as necessary;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and damages so liquidated in terms of Article 41 of the European Convention on Human Rights, with legal interest from the date of filing of the present application till the effective date of payment.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 209/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-24 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Leslie Vella (167076M), 92/2, Triq iż-Żewġ Mini, L-Isla

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta'Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 209/2025MS in the names mentioned above is postponed to 24th November, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Leslie Vella (167076M), 92/2, Triq iż-Żewġ Mini, Senglea

Registry of the Superior Courts, today 22nd October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2667

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 780/2025MS, fl-ismijiet: Fiona Aquilina et vs Francis Micallef, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Fiona Aquilina (529581M) et vs Francis Micallef (374552M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li hemm raġunijiet biżżejjed biex tinħareġ ordni għal bejgħ tal-proprjetà skont l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza l-bejgħ tal-proprjetà bil-prezz u kundizzjonijiet misjuba fil-konvenju Dok. A anness mar-rikors u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jogħġobha tordna;

3. Taħtar lin-Nutar Dott. Thea Cachia sabiex tippubblika l-att finali ta' trasferiment fuq referit u tistabbilixxi jum, ħin u post fejn għandu jsir it-trasferiment;

4. Taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru fuq l-att tal-bejgħ sabiex jippreżentaw l-eventwali kontumaċja tal-intimat li għandhom jiddepożitaw is-sehem spettanti l-intimat taħt l-awtorità tal-Qorti wara li jitnaqqsu minn sehem l-intimat l-ispejjeż tal-proċeduri odjrni kif ukoll spejjeż tat-taxxi u causa mortes li jistgħu jkunu dovuti mill-intimat kif ukoll sehem l-intimat mill-ispejjeż tal-EPC Certificate u d-dritt tal-kuraturi jekk ikun il-każ;

5. Tagħti kwalunkwe provvedimenti oħra li din l-Onorabbi Qorti jidhrilha xierqa u opportuna;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th October, 2025, in the records of the Sworn application number 780/2025MS, in the names: Fiona Aquilina et vs Francis Micallef, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Fiona Aquilina (529581M) et vs Francis Micallef (374552M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 30th July, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that there are sufficient reasons to issue an order for the sale of the property according to Article 495A of Cap 16 of the Laws of Malta;

2. Authorise the sale of the property at the price and conditions found in the preliminary agreement Doc. A annexed to the application and this under those conditions that this Court deems fit to order;

3. Appoint Notary Dr Thea Cachia to publish the final deed of transfer above referred to and establish a day, time and place where the transfer is to be made;

4. Appoint deputy curators to appear on the deed of sale to present the eventual default of the respondent who are to deposit the share due by the respondent under the authority of the Court after deducting from the respondent's share the costs of the present procedures as well as the costs of taxes and causa Mortes which may be due by the respondent as well as the respondent's share of the costs of the EPC Certificate and the right of curators if the case may be;

5. Give any other provisions that this Honourable Court deems fit and opportune;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 780/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-31 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Francis Micallef (374552M), 194, Promenade, Giorgio, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 780/2025MS in the names mentioned above is postponed to 31st October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Francis Micallef (374552M), 194, Promenade, Giorgio, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 22nd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2668

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fl-24 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 72/2025HM, fl-ismijiet: Madeleine Camilleri et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Madeleine Camilleri (459755M) et vs Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Frar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li l-kirjiet tal-fondi: 21, Triq il-Konservatorju, Bormla; 21, Triq San Ġużepp, Bormla; 24, Triq San Ġużepp, Bormla; 87, Triq San Ġużepp, Paola; u 59, Olivia Flats, Flat 2, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, a favur l-intimati Carmela Aquilina, Christopher u Rita Cauchi, Jessie Aquilina, Theresa Baldacchino u Joan Caruana rispettivament, u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 6 u 9 tal-istess Kap. . 69, u d-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009 u ligijiet oħra viġenti lledew d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 24th September, 2025, in the records of the Sworn application number 72/2025HM, in the names: Madeleine Camilleri et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Madeleine Camilleri (459755M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 27th February, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the facts above mentioned constitute a violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention and in Article 6 of the same Convention, made part of the law of Malta by virtue of the European Convention Act (Cap 319 of the Laws of Malta);

2. Consequently declare and decide that the lease of the premises: 21, Triq il-Konservatorju, Cospicua; 21, Triq San Ġużepp, Cospicua; 24, Triq San Ġużepp, Cospicua; 87 Triq San Ġużepp, Paola; and 59 Olivia Flats, Flat 2, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, in favour of the respondents Carmela Aquilina, Christopher and Rita Cauchi, Jessie Aquilina, Theresa Baldacchino and Joan Caruana respectively, and the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta, in particular Articles 3, 4, 6 and 9 of the same Cap. 69, and the provisions of Act X of 2009 and other vigorous laws violated the fundamental rights of the applicants as enshrined in Article 1 of the First Protocol of the European Convention and in Article 6 of the same Convention;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give such directives as it deems fit in order to carry out or ensure the fulfilment of the applicant's fundamental rights as guaranteed under the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji oltre mgħaxijiet legali sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante li l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà inkwistjoni;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre mgħaxijiet legali ai termini tal-liġi;

6. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 72/2025HM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-31 ta' Ottubru, 2025, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Joan Caruana (263147M), 59, Oliva Flats, Flat 2, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages besides legal interests suffered by the applicant as a consequence of the violation of the fundamental rights of the applicant due to the facts above explained where inter alia a fair balance was not created between the rights of the owner and those of the lessees, since the lease was forced in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, amongst other offences, does not reflect the market nor the rental value of the property in question;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary damages as suffered by the applicants, besides legal interest in terms of law;

6. Condemn the respondent State Advocate to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated in terms of law, with legal interest of 8% per annum from the date of filing of the present cause till the date of effective payment;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 72/2025HM in the names mentioned above is postponed to 31st October, 2025, at 9.10 a.m.

Notification respondent: Joan Caruana (263147M), 59, Oliva Flats, Flat 2, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 22nd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2669

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 747/2025FDP, fl-ismijiet: Dott. Alain Muscat noe vs Jetmagic Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dott. Alain Muscat (330087M) noe vs Jetmagic Ltd (C59093) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti noe s-somma ta' tlieta u sebgħin elf mija

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th October, 2025, in the records of the Sworn application number 747/2025FDP, in the names: Dr Alain Muscat noe vs Jetmagic Ltd, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dr Alain Muscat (330087M) noe vs Jetmagic Ltd (C59093) filed in the Civil Court, First Hall, on the 22nd July, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide the cause without proceeding to a hearing in terms of Articles 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Condemn the respondent company to pay the applicant company noe the sum of seventy three thousand one hundred

ħamsa u għoxrin dollaru Amerikan ($73,125) ekwivalenti għal sebgħa u sittin elf seba' mija u għoxrin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€67,720.45) ikkalkulata skont ir-rata ta' kambju applikabbli fid-dati rispettivi tal-ħruġ tal-fatturi relevanti, rappreżentanti pagamenti ta' kiri dovuti lis-soċjetà rikorrenti noe mis-soċjetà intimata fir-rigward tal-kiri ta' żewġ (2) 'engine cradle and transportation base'.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 747/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Jetmagic Ltd (C59093), 37/1, Tigné Seafront, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

twenty five US dollars ($73, 125) equivalent to sixty seven thousand seven hundred twenty euro and forty five cents (€67,720.45) calculated according to the exchange rate applicable on the respective dates of issue of the relevant invoices, representing lease payments due to the applicant company noe by the respondent company as regards the lease of two (2) 'engine cradle and transportation base'.

With all costs and legal interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 747/2025FDP in the names mentioned above is postponed to 30th October, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Jetmagic Ltd (C59093), 37/1, Tigné Seafront, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 22nd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2670

KANĊELLAMENT TA' ORDNI TA' FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet datat 16 ta' Ottubru, 2025, maħruġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Onorevoli Mħallef Natasha Galea Sciberras, BA, LLD, fl-atti tal-appell numru 68/2013 fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Ian Joseph Abdilla)

kontra

Francis Apap, ta' 61 sena, iben John u Vincenza née Agius, imwieled l-Għarb, Għawdex, fit-18 ta' Marzu, 1964, u residenti fin-numru 8, Triq il-Madonna tal-Virtù, L-Għarb, Għawdex (numru tal-karta tal-identità 11164G),

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAMENT tal-ordni ta' ffriżar tal-assi kollha tal-imsemmi Francis Apap, liema ordni ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Neville Camilleri) permezz ta' digriet datat 27 ta' Jannar, 2015, li ġie debitament ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Frar, 2015.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat skont l-artiklu 5(6) tal-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated the 16th of October 2025, issued by the Court of Criminal Appeal as per the Honourable Justice Madam Natasha Galea Sciberras BA, LLD, in appeal number 68/2013 in names:

The Police
(Inspector Ian Joseph Abdilla)

versus

Francis Apap, 61 years, son of John and Vincenza née Agius, born in Għarb, Gozo, on the 18th March, 1964, and residing at number 8, Triq il-Madonna tal-Virtù, Għarb, Gozo (identity card number 11164G),

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Francis Apap, which order was given by the Court of Magistrates (Gozo) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Neville Camilleri) by a decree dated 27th January, 2015, which was duly published in the Government Gazette of the 3rd of February, 2015.

This notice is being published in terms of Section 5 (6) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta.

Illum 23 ta' Ottubru, 2025

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today 23rd of October, 2025

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2671

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 939/2025JVC, fl-ismijiet: Joseph Degiorgio vs S & L Delia Developments Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Joseph Degiorgio (25577M) vs S & L Delia Developments Limited (C74290) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma debituri tar-rikorrent fl-ammont ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u sebgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€41,737.46);

3. Konsegwentement, tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrent l-ammont ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u sebgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€41,737.46);

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 939/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Novembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimati: S & L Delia Developments Limited (C74290), 194, 'Brooklyn', Triq D'Argens, Il-Gżira

Stephen Delia (269971M), 'Ibrag Terrace', Flat 1, Triq V. Menville, Is-Swieqi

Christian Delia (337568M), 72, Triq il-Ġiebja, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th October, 2025, in the records of the Sworn application number 939/2025JVC, in the names: Joseph Degiorgio vs S & L Delia developments Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Joseph Degiorgio (25577M) vs S & L Delia developments Limited (C74290) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 15th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondents or either of whom are debtors of the applicant in the amount of forty one thousand, seven hundred and thirty seven euro and forty six cents (€41,737.46);

3. Consequently, order and condemn the respondents or either of whom to pay the applicant the amount of forty one thousand, seven hundred and thirty seven euro and forty six cents (€41,737.46);

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 939/2025JVC in the names mentioned above is postponed to 6th November, 2025, at 9.00 a.m.

Notify respondents: S & L Delia developments Limited (C74290), 194, 'Brooklyn', Triq D' Argens, Gżira

Stephen Delia (269971M), 'Ibrag Terrace', Flat 1, Triq V. Menville, Swieqi

Christian Delia (337568M), 72, Triq il-Ġiebja, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 23rd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603